# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura – Laqgħa b'urġenza

**Laqgħa Numru 40/2021**

Data: Il-Ġimgħa 1 ta' Ottubru, 2021

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli – Sindku<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier<br>Sin Toshera Schembri – Kunsillier<br>Dr Ryan Ellul - Kunsillier<br>Sur Mark Lombardo - Kunsillier |
| Skużati: | Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku<br>Sur Ray Deguara - Kunsillier<br>Sur Mario Fava – Kunsillier<br>Sur Adrian Tanti - Kunsillier |
| | Sin Cynthia Plumpton –Segretarju Eżekuttiv |

## AĠENDA

**40.1 PA/07155/19**

## 40.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**40.1.1** Il-Kunsill ra u approva li t-talbiet bħala ġustifikati biex il-Viċi Sindku C Portelli Cascun, il-Kuns R Deguara, il-Kuns M Fava u l-Kuns A Tanti jkunu skużati għal din il-laqgħa. Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni sabiex min ma jattendix għal-laqgħa tal-Kunsill għandu wkoll jagħti r-raġunijiet

Attendenza

għala m'attendix minħabba l-Awdituri sabiex ma jkollnix mistoqsijiet jew talbiet li bħalha Kunsill nistgħu nevitaw.

**40.1.2** Is-Sindku qara u spjega lill-mejda d-*Description of works* ta' din l-applikazzjoni: *Construction of reservoir, basement on two levels consisting of 68 garages, 40 car parking spaces, 1 substation and 6 meter rooms, and overlying 109 housing units set on five levels*. Huwa wkoll tkellem dwar il-pjanti li hemm fil-preżent u kif inhuma proposti fejn kull membru tal-Kunsill seta jara dawn il-pjanti. Is-Sindku nforma illi din il-materja tkellimha mal-minority leader u nforma illi f'dan l-istadju, ntbagħtet korrispondenza lill-Perit tal-Kunsill, sabiex inkunu nistgħu ntejbu dik l-area u r-residenti tal-madwar ikunu aktar trankwilli. Is-Sindku nforma illi biex inkunu nistgħu nirreġistraw bħalha objectors dan il-Kunsill għandu sas-7 ta' Ottubru, 2021 sabiex ikun jista' jagħmel dan u bejn wieħed u ieħor sas-16 ta' Diċembru, 2021 sabiex tittieħed id-deċiżjoni finali mill-Planning Authority. Skond il-Perit ma nstabux oġġetti ta' valur mis-sovratendenza iżda x-xogħolijiet xorta ser ikunu qed isiru taħt l-osservazzjoni tas-sovratendeza. Ġie deċiż illi dan il-Kunsill fil-verita mhux kontra dan il-proġett iżda ser inkunu qed nirreġistraw bħalha objectors sabiex inkunu parti mid-diskussjonijiet li jsiru minn Planning Authority.

**40.1.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5949/21/8 "B'referenza għall-Applikazzjoni PA/07155/19 għall-bini ta' appartamenti u faċilitajiet oħra fiż-żona ta' Triq id-Dejma, Triq il-Karmnu u Triq tax-Xemx u l-Qamar, dan il-Kunsill okali: 1. Jirreġistra bħala 'objector' sabiex ikun jista' jieħu sehem waqt il-proċess tal-applikazzjoni 2. Jitlob li jsir traffic impact assessment minħabba li ż-żona hija ġa traffikuża u teżisti problema kbira ta' parkeġġ 3. Jitlob li tul id-dawra tal-blokka kollha jkun hemm soft areas sabiex jikkumplimentaw mal-bini li ser isir 4. Jitlob li jingħata tal-inqas faċilita' waħda għall-komunita' permezz ta' devoluzzjoni jew titlu sabiex ikun qed jiġi rrispettat il-pjan lokali fejn tali żona hija mmarkata social housing / community facilities u dan sabiex tali proġett ikun ta' benefiċċju għall-komunita' kollha tal-Fgura. F'każ ta' urġenza jew bżonn ta' deċiżjoni li trid tittieħed malajr il-Kunsill jiddelega lis-Sindku sabiex jiddeċiedi fl-interess tal-Kunsill u tal-lokal".

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:20hrs.

# KUNSILL LOKALI FGURA

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli<br>Sindku | Sinjura Cynthia Plumpton<br>Segretarju Eżekuttiv |

Data: 1 ta’ Ottubru, 2021